# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr.Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)***

***Drogi 13/02***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***vs***
***Aaron Privitera***

Illum 11 ta' Frar 2002.

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati A: **Pussess Illegali** tad-droga eroina u B: **ksur tal-kundizzjon**i tal-liberta kondizzjonata akkordata b'sentenza tas-26 ta' Jannar 1998.

Illi l-imputat ammetta l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

Illi rigward it-tieni akkuza il-Qorti mill-ezami tal-process tirrileva illi r-reat meritu tal-kawza odjerna ma giex kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza fuq indikata u ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u thoss opportun li f' dan il-kaz takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati skond l-akkuza A ai termini tar-regolament 8 GN 292/39, izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

Ma ssibux hati ta' l-akkuza B u tilliberah minnha.

Illi in fine l-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***